31968R1397

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1397/68 TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Settembru 1968

li jemenda r-Regolament Nru 474/67/KEE dwar l-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni għar-ross u r-ross miksur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 359/67/KEE [1] tat-28 ta' Lulju 1987 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(6) tiegħu,

Billi skond l-Artikolu 17(4) tar-Regolament Nru 359/67/KEE, ir-rifużjoni li tkun tapplika fil-jum li fih issir l-applikazzjoni tista' tigi applikata għal esportazzjoni magħmula matul il-perjodu taż-żmien tal-validità tal-liċenzja u billi, f'dan il-każ, jiġi applikat ammont korrettiv għar-rifużjoni; billi, skond l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 474/67/KEE [2] tal-21 ta' Awissu 1967 dwar l-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni għar-ross u r-ross miksur, l-ammont korrettiv huwa egwali għad-differenza bejn il-prezz ċ.i.f. u l-prezz ċ.i.f. ta' meta tintbagħat il-kunsinna;

Billi, filwaqt li l-liċenzji ta' l-esportazzjoni għar-ross u r-ross miksur huma validi sat-tmiem tal-ħames xahar wara dak tal-ħruġ, rari jeżisti suq tassew rappreżentattiv għal dawn il-prodotti għajr fuq skond jew skondi fil-qosor; billi għandu għalhekk ikun possibbli li jiġi ffissat ammont korrettiv iktar baxx mid-differenza imsemmija hawn fuq;

Billi b'konsegwenza ta' dan huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament Nru 474/67/KEE.

Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jidħol minflok l-ewwel żewġ subparagrafi ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 474/67/KEE:

"Meta tiġi ffissata bil-quddiem ir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni għar-ross u r-ross miksur imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 17(4) tar-Regolament Nru 359/67/KEE, ir-rifużjoni għandha tkun dik li tapplika għal esportazzjoni fil-jum li fih issir l-applikazzjoni għal-liċenzja:

— imnaqqsa b'mhux iktar mid-differenza bejn il-prezz ċ.i.f ta' meta tintbagħat il-kunsinna u l-prezz ċ.i.f. meta ta' l-ewwel jaqbeż lil ta' l-aħħar b'iktar minn 0,025 ta' unitajiet tal-kont għal kull 100 kilogramma;

— miżjuda b'mhux iktar mid-differenza bejn il-prezz ċ.i.f. u l-prezz ċ.i.f. ta' meta tintbagħat il-kunsinna meta ta' l-ewwel jaqbeż lil ta' l-aħħar b'iktar minn 0,235 ta' unitajiet tal-kont għal kull 100 kilogramma

Fl-intervalli taż-żmien bejn l-iffissar ta' kull ġimgħa, l-ammont tar-rifużjoni li japplika fil-każ ta' ffissar bil-quddiem għandu jiġi aġġustat biss meta l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni msemmija hawn fuq twassal illi l-ammont tagħha jiġi mibdul b'iktar minn 0,025 ta' unitajiet tal-kont għal kull 100 kilogramma."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Settembru 1968.

Għall-Kummissjoni

Il-Viċi-President

F. HELLWIG

[1] ĠU Ċ 174, 31.7.1967, p. 1.
[2] ĠU Ċ 204, 24.8.1967, p. 20.